MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 107/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**1. Geot Trading Limited (C15785)**
**2. Simon u Alfrieda mizzewgin Diacono (I.D. Nri. 658357(M) u 503057(M))**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c. datat 5 ta’ Frar 2010 fejn Joseph Borg Cardona (I.D. 522552(M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta’ attrici jikkonferma bil-gurament:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis, datat fil-31 ta’

Dicembru 1998 (Dok ‘A’), u f’dak in atti Nutar Dottor Vanessa Pool datat fid-19 ta’ Novembru 2004 (Dok ‘B’) is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta’ Geot Trading Limited.

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ Geot Trading Limited fis-somma ta’ mitejn u hamsa u erbghin elf, mitejn u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€245,240.52) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tas-socjeta’ Geot Trading Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “C 1” sa “C 7”, u “D”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi permezz tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello DuPuis, datat fil-31 ta’ Dicembru 1998 (Dok ‘A’), u f’dak in atti Nutar Dottor Vanessa Pool datat fid-19 ta’ Novembru 2004 (Dok. ‘B’), u kif ukoll permezz ta’ skritturi privati datati fit-18 f’April 2001, fit- 13 ta’ Mejju 2003, fl-14 ta’ Awwissu 2006, fit-28 ta’ Dicembru 2006 u fit-28 ta’ Dicembru 2006 (Dok ‘E’ sa Dok “T”) il-konvenuti Simon u Alfrieda mizzewgin Diacono iggarantew flimkien u “*in solidum*” mas-socjeta’ Geot Trading Limited a favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta’ Geot Trading Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti “A”, “B”, “E”, “F”, “G”, “H”, u “I”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Geot Trading Limited, u Simon u Alfrieda mizzewgin Diacono.

a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi;

b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew;

c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta’ Geot Trading Limited, u Simon u Alfrieda mizzewgin

Diacono li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati fis-17 ta' Lulju 2009 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "J" u "K", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti "A", "E ', "E", "F", "G", "H", u "I") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Geot Trading Limited, u Simon u Alfrieda mizzewgin Diacono (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi. (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Geot Trading Limited, Simon u Alfrieda mizzewgin Diacono li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta'attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta' Geot Trading Limited u lil Simon u Alfrieda mizzewgin Diacono, jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin elf, mitejn u erbghin ewro u tnejn u hamsin centezinu (€245,240.52) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tas-socjeta' Geot Trading Limited mal-Bank of Valletta p.J.c. (Dok. "Cl sa C7", u "D") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejejz komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datata fis-17 ta' Lulju 2009 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu

prezentati kontestwalment u li huma ngunti ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu milli jipprezentaw risposta u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------